MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 479/2007

**Talba Nru: 479/07VGD**

Edgar Borg (Id. 567781M).

Vs

Francesco Schembri.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' mitejn u lira Maltin u erba u hamsin centezmu (Lm210.54) minghand il-konvenut bhala hlas ta' parts u xoghol li ghamillu fuq id-dghajsa ta' l-istess konvenut kif jidher fil-prospett anness u mmarkat Dok A. Salv l-imghax legali. Bl-ispejjes kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi huwa kien u ghadu dispost li jhallas l-ammont ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130) peress li jirrikonoxxi li sar xoghol pero l-attur irrifjuta li jaccetta l-hlas; (ii) illi t-talba tal-attur hija ezagerata ghal kollox u ghalhekk ma sarx il-hlas. Bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Edgar Borg.

Sema' x-xhieda ta' Jennifer Borg prodotta mill-attur.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Francesco Schembri.

Sema' x-xhieda ta' Clint Schembri prodott mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-attur qed jitlob il-hlas minghand il-konvenut ta' xoghol li huwa ezegwixxa fuq id-dghajsa tal-konvenut, fuq struzzjonijiet tal-konvenut stess, liema xoghol kien jikkonsisti principalment fi xoghol ta' tindif taz-Z-drive tad-dghajsa peress illi kien dahal l-ilma go fiha. L-attur xehed illi huwa kien qala l-Z-drive u hadha mieghu fil-'workshop' tieghu fejn hemmhekk sar xoghol ta' tibdil ta' 'seals', 'pressure testing' u bdil ta' zejt tal-istess Z-drive. Wara li ghamel xi testijiet biex jara li l-makkinarju kien qieghed jahdem sew, rega ha l-Z-drive lura ghand il-konvenut u installah fuq id-dghajsa tieghu. Dak il-hin sar ukoll 'service' komplut tal-magna tad-dghajsa.

In sostenn tat-talba tieghu, l-attur esebixxa prospett tax-xoghol kollu li sar minnu, liema prospett juri bic-car kemm il-prezzijiet tal-'parts' li gew imsewwija jew mibdula, kif ukoll l-ammont minnu mitlub ghax-xoghol ta' jdejh ('labour

costs') u l-VAT bit-18%. B'kollox il-kont tal-attur jammonta ghal Lm201.54, kif mitlub fl-Avviz.

Skond l-attur, huwa ghamel diversi tentattivi sabiex jigbor dak li kien dovut lilu, izda l-konvenut baqa ma hallas assolutament xejn mill-kont, u peress li l-konvenut beda jsib kull skuza possibbli sabiex jevita jhallas, l-attur ma kellux triq ohra hlief li jibda l-kawza odjerna.

Mart l-attur Jennifer Borg ikkonfermat li l-attur ta' spiss kien imur jipprova jigbor dak li kien dovut lilu minghand il-konvenut, u li hi gieli kienet takkompanjah fil-karozza, izda kull darba, l-attur kien jigi lura jghid li l-konvenut kien sab xi skuza ohra biex ma jhallasx.

Illi minn-naha tieghu, l-konvenut fir-risposta tieghu jammetti li ghandu jaghti lill-attur l-ammont ta' Lm130 peress illi jirrikonoxxi li sar xi xoghol mill-attur fuq id-dghajsa tieghu. Huwa jsostni fir-risposta tieghu illi dan l-ammont pero ma kienx gie accetat mill-attur. Peress illi l-konvenut deherlu li l-ammont mitlub minghand l-attur huwa ferm ezagerat huwa ma hallas xejn.

Illi minn ezami tax-xhieda tal-konvenut u tat-tifel tieghu, kif ukoll mir-risposta tieghu, t-Tribunal josserva s-segwenti fatti:-

Fl-ewwel lok minkejja li l-konvenut jammetti li x-xoghol sar u li ghandu jaghti l-ammont ta' Lm130 lill-attur, ma jidhrix li ddepozita dan l-ammont fir-Registru tal-Qorti sabiex jezimi ruhu minn kull responsabbilta' fir-rigward ta' dan l-ammont dovut. Lanqas ma jidher li din l-offerta qatt saret, ghaliex la l-attur u lanqas il-konvenut ma semmew xejn dwar dan fix-xhieda taghhom. Fl-ebda hin u mument fix-xhieda tal-konvenut ma jghid jew jikkonferma illi huwa offra l-flus lill-attur u l-attur ma accettahomx. Dan jissemma biss fir-risposta tieghu.

Illi mbaghad, kuntrarjament ghal dak li ghamel l-attur, fejn spjega ezattament kif gie kkalkolat il-kont tieghu, l-konvenut ma spjegax u lanqas ma tefa' xi dawl dwar kif wasal ghall-konkluzzjoni illi l-ammont dovut huwa Lm130

u mhux Lm201.54. Il-konvenut sempliciment xehed illi skond hu, l-attur ghamel inqas hin jahdem, u m'ghamilx ix-xoghol li tieghu qed jitlob il-hlas. Il-konvenut spjega illi huwa kien gieli qabbad lill-attur fuq dan it-tip ta' xoghol u xehed x'kienu l-prezzijiet li kien hallas fil-passat. Dan pero' ma jfisser xejn ghaliex kif spjega l-attur, huwa ghamel izjed xoghol minn servizz normali.

Ghalhekk huwa difficli ghat-Tribunal jifhem kif f'nifs wiehed il-konvenut jghid illi x-xoghol kollu sar izda l-ammont mitlub huwa ezagerat, u mbaghad f'nifs iehor jghid illi dak ix-xoghol fil-fatt ma sarx mill-attur.

Illi l-konvenut sahansitra jaghti x'jifhem illi x-xoghol tal-attur mhux biss ma sarx kollu, izda ma sarx tajjeb. Fil-fatt il-konvenut u t-tifel tieghu t-tnejn xehedu li ftit wara li sar ix-xoghol ta' l-attur, hadu d-dghajsa ghand certu wiehed Vince (mechanic) li qalilhom fil-qosor, illi x-xoghol tal-attur sar hazin. Madanakollu pero, l-konvenut naqas ghal kollox milli jipproduci din il-persuna sabiex tikkonferma dan - haga li zgur messu ghamel. Ghalhekk it-Tribunal ma jhossx illi ghandu jaghti piz lil dawn l-allegazzjonijiet li ma gewx ippruvati mill-konvenut.

Illi t-Tribunal jidhirlu li t-tezi tal-konvenut hija wahda dghajfa ghall-ahhar u anki mibnija fuq allegazzjonijiet mhux ippruvati u xhieda inkonklussiva, u ghalhekk ma jara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex titwemmen il-versjoni tal-attur, liema versjoni hija wahda kredibbli u anki sostanzjata permezz tal-prospett dettaljat minnu pprezentat – liema prospett fl-ebda mument ma gie kkontestat jew kontradett mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal, filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba mija u disa u sittin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€469.46), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------